# KUNSILL LOKALI Birzebbuga

## <u>Pjan ta' Ħidma</u>
## 2017 - 2019

## Kontenut

| | |
|---|---|
| 1.0 Dahla u Analizi tas-Sitwazzjoni | 3 |
| 2. 0 Dikjarazzjoni tal-Missjoni u Valuri | 4 |
| 3.0 Objettivi, Rizultati Mistennija u Strategiji | 5 |
| 4.0 Struttura u Organizzazjoni | 8 |
| 5.0 Tbassir finanzjarju | 10 |
| 6.0 Zvilupp Kapitali | 13 |

# 1.0 Daħla u Analizi tas-Sitwazzjoni

Fis-sena li għada kif spiċċat irnexxielna nottjenu miljorament fit-tentattiv tagħna li nkabbru l-effiċjenza fis-servizzi li noffru lill-komunità, billi nagħtu iktar servizz, b'inqas spiża.

L-ikbar kambjament li qed nesperjenzaw huwa r-ristrutturar fl-amministrazzjoni, fejn il-Kunsill impjega ukoll skrivana ġdida addizzjonali fuq bażi part-time.

Matul is-sena li għaddiet, ħdimna sabiex intejbu l-finanzi tal-Kunsill: kellna inżommu idejna sodi mal-kuntratturi tagħna kif ukoll naddottaw sistemi ġodda. Ħarġu offerti pubbliċi ġodda, fejn il-Kunsill irnexxielu ukoll jottjeni prezzijiet aħjar għas-servizzi kuntrattwali. Żidna ukoll l-użu ta riżorsi interni eżistenti sabiex naqqasna spejjez kuntrattwali, miżura li sarrfet ukoll sabiex jigu frankati eluf ta' ewro oħra.

Fir-rigward tal-ġbir ta' skart, rajna li l-Kunsill kien wieħed mill-aktar Kunsilli li jipprovdi servizz totali fir-rigward ta' ġbir ta' skart imħallat u dan għaliex dan kien isir mit-Tnejn sas-Sibt. Il-Kunsill ħadem iżda sabiex jixpruna ir-riċiklaġġ, u għaldaqstant ħa d-deċiżjoni li mill-ewwel tas-sena 2016, naqqas il-ġabra ta skart imħallat minn nhar ta Tlieta.

L-isfidi tagħna huma :-
- inżommu dan ir-ritmu ta' xogħol permezz ta' miljorament fl-ambjent u fis-servizzi lill-komunità
- innaqqsu l-ispejjeż mingħajr ma nnaqqsu l-kwalità' fis-servizzi
- nammiljoraw is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill

Il-Kunsill kompla jaħdem sabiex iġib iktar fondi u proġetti. Għas-Sena 2017, il-Kunsill qed jaħdem sabiex jikkonkludi il-Proġett tal-iskatepark, iffinanzjat mill-President Thurst, kif u ukoll proġett ta bandli inklussiv.

F'dawn it-tlett snin, ser nkomplu naħdmu sabiex primarjament intejbu il-finanzi tal-Kunsill, liema rizultat mistenni jintlaħaq sal-aħħar tas-sena 2017, u sussegwentement fis-sena 2018, il-Kunsill jerġa jaqbad ir-ritmu ta żvilupp fi proġetti kapitali ġodda.

Jien ninsab ċert li b'dan it-titjib f'diversi oqsma ser jitkabbar ħafna l-ambjent u l-valur ta Birzebbuga u ser jgħinna biex nkomplu nkunu Kunsill mudell li fuqu għandhom jimxu Kunsilli Lokali oħrajn.

[IFFIRMAT]

Joe Cutajar
Sindku

# 2.0 Dikjarazzjoni tal-Missjoni u Valuri

### 2.1 Dikjarazzjoni tal-Missjoni

Il-Kunsill Lokali ġie elett demokratikament mill-poplu ta' Birzebbuga u għaldaqstant qiegħed hemm sabiex iservi bl-aħjar mod possibbli lir-residenti, joħloq ġid u l-progress għall-komunità. Il-Kunsill irid jagħmel użu ta fondi pubbliċi u għaldaqstant dawn għadhom jintefqu bl-akbar għaqal u skond il-liġi. Għalkemm il-Kunsill huwa organu awtonomu, dejjem irid jaħdem skont kif stipulat fil-liġi jġib il-permess meħtieġa u jsegwi proċeduri u direttivi maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali

### 2.2 Valuri

Il-Valuri tal-Kunsill Lokali ta' Birzebbuga huma:

- ✓ rispett għalli-opinjonijiet u twemmin tal-membri kollha tal-komunità' tagħna
- ✓ li nġibu l-massimu tal-benefiċċji lill-komunità'
- ✓ rispett lejn l-wirt kulturali tal-komunità' tagħna
- ✓ rispett lejn l-ambjent u impenn favur ambjent sostenibbli
- ✓ nirrispettaw il-bżonnijiet ta' individwi u ta' oqsma speċifiċi
- ✓ Effiċjenza fl-amministrazzjoni ġusta u fil-miftuħ tal-ħidma tal-Kunsill
- ✓ eċċellenza f'kollox li nagħmlu u fis-servizzi li nirċievu u nagħtu
- ✓ Trasparenza, Onesta u responsabilta'

# 3.0 Objettivi, Rizultati Mistennija u Strategiji

### 3.1 Oġġettivi għal qasir żmien u riżultati mistennija (2016)

| ***Oġġettivi*** | ***Riżultati Mistennija*** |
|---|---|
| Li mmorru aħjar fil-miri ta' dħul u biex l-infiq jinżamm mal-estimi waqt li niżguraw l-aħjar "valur għal-flus" għass-servizzi li nixtru | Inżidu d-dħul minn sponsors<br><br>Jintużaw iktar il-faċilitajiet tal-Kunsill<br><br>Tħaddim għaqli tal-finanzi tal-kunsill<br><br>Iktar xogħlijiet u servizzi b'inqas flus |
| Titjib fil-komunikazzjoni lejn lill-komunità`, | Websajt friska b'iktar kuntatt u faċilitajiet<br><br>Żieda fl-Użu ta` siti soċjali<br><br>Xandir ta` laqgħat tal-Kunsill *online* |
| Tkabbir fil-kwalità' tax-xogħolijiet u servizzi | Tnaqqis fil-ħin ta stennija għall-pubbliku<br><br>Simplifikazzjoni ta proċessi amministrattivi<br><br>Pro attività` fuq ilmenti |
| Manutenzjoni kontinwa u titjib fl-ambjent estetiku u infrastrutturali tal-lokalita' | Manutenzjoni ta' toroq u bankini<br><br>Manutenzjoni fuq sinjali tat-traffiku<br><br>Manutenzjoni fuq ġonna u spazji pubbliċi<br><br>Manutenzjoni ta' dwal tat-toroq |
| Titjib fis-servizzi offruti lil-Komunità u ambjent iktar sostenibbli | Iktar servizzi ta' ndafa madwar il-lokalita` |
| Attenzjoni lill-aspett kulturali u tkabbir tal-ekonomija lokali | Organizzajoni ta diversi attivitajiet għad-divertiment tal-pubbliku li jiġġeneraw ukoll iktar kummerċ għal-entitajiet |

### 3.2 Oġġettivi għal żmien fit-tul (2017 - 2019):

| ***Oġġettivi*** | ***Rizultati mistennija*** |
|---|---|
| Żieda fl-użu ta' l-informatika mill-pubbliku | Jiġi provdut iktar taħriġ fil-qasam tal-Informatika |
| Insibu sorsi ġodda ta' dħul | Jigu introdotti bye-laws ġodda<br>Isiru iktar *Public Private Partnerships*<br>Jigu esplorati sorsi ta fondi mill-EU |
| Infittxu u nizviluppaw mezzi biex il-Kunsill ikun jista' jesegwixxi aħjar l-ħidma ta' kuljum | Rinovazzjoni tal-Uffiċju Amminsitrattiv, b'iktar accessibilta`<br>Ingagg ta` ħaddiema b'ħiliet varji taħt skemi diversi li joffri il-Gvern Centrali u entitajiet pubbliċi |
| Tisbiħ infrastruttali u Ambjentali | Proġetti Ġodda ta tisbieħ<br>Żviluppi ta Spazji pubbliċi |

### 3.3 Strategiji

Il-Kunsill jaddotta strateġija li tassigura li jitwettqu l-oġġettivi u l-policies li jkun iffissa l-istess Kunsill. Dawn l-istrateġiji huma maħsuba li joħolqu l-ftuħ ta' opportunitajiet ġodda u li jevitaw sitwazzjonijiet li jistgħu jheddu s-suċċess tagħna.

L-istrategija mill-2017 sal-2019 huma :

- ✓ Jigu zviluppati relazzjonijiet ta' xogħol kemm lokalment kif ukoll internazzjonalment biex jigu akkwistti l-aħjar servizzi possibli bl-aktar mod ekonomiku u bl-użu ta' prinċipji ta' "value chain management"
- ✓ Jigi inkuraġġit  d-djalogu, rispett u teamwork, kemm bejn il-Kunsill stess, mal-Kumitati u Għaqdiet Lokali u mar-residenti.
- ✓ jintużaw prassi u teknici ta' "best management practice"
- ✓ Jiġi involut lil kull settur fil-komunità` fl-iffinanzjar ta' proġetti soċjali u kapitali biex jinħoloq titjib inkrimentali għal benefiċċju globali u għal żmien fit-tul tal-lokalita`.

# 4.0 Struttura u Organizzazjoni

## 4.1 Organizazzjoni

L-istruttura tal-organizzazzjoni bhalissa qed tagħmilha possibbli għall-ufficcju tal-Kunsill Lokali Floriana li jagħmel effetivament ix-xogħol tiegħu ta' kuljum.




Din l-istruttura tippermetti li l-Kunsill iwettaq bi pratticita' l-ħidma tiegħu. L-irwol ta dawn involuti huwa definit u miftiehem. Il-Kunsill huwa l-policy maker, li joħloq l-pjan ta ħidma wara konsultazjzoni mas-Segretarju Eżekuttiv, li jagħti l-linji gwida fuq aspetti legali u strateġija. Kull membru tal-Kunsill jiġi assenjat dekasteru li tiegħu ikun responsabbli.

Il-Kumititati u Sotto kumitati, huma leħen ir-resident, u huma spalla għall-Kunsill, f'oqsma differenti, skont il-bżonn u skont il-kumitat/sottokumitat rispettiv.

L-Amministrazzjoni tal-Kunsill hija dik is-sezzjoni li tieħu ħsieb li timplimenta u teżegwixxi il-pjan ta Ħidma u il-*policies* tal-Kunsill, u hija magħmula mis-Segretarju Eżekuttiv, assistit minn Assistent Principal li tieħu ħsieb materji amministrattivi, Assistent Prinċipal li tieħu ħsieb l-ilmenti u s-suġġerimenti kif ukoll l-attivitajiet, u, Uffiċjal Eżekuttiv li tieħu ħsieb it-transazzjonijiet finanzjarji kollha tal-Kunsill. L-Amministrazzjoni hija responsabbli ukoll mill-ħaddiema fis-sezzjoni tal-manutenzjoni huma nies assenjati mal-Kunsill taħt diversi skemi governattivi

Sabiex ikun hemm iktar kontroll fuq il-kuntratturi, il-Kunsill juża is-servizz Professjonali ta Contracts manager li l-irwol tiegħu huwa dak li jiġbed l-attenzjoni fejn ix-xogħol tal-kuntratturi imqabbda għall-diversi servizzi ma jkunx qed isir skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-Kunsill.
Il-kuntratturi jipprovdu servizzi relatati ma' proġetti infrastrutturali, ġbir ta' skart, tindif tat-toroq, żamma tal-ġonna u soft areas, tindif tal-ġonna u tal-latrini pubbliċi, u ġbir ta' skart goff. Diversi professjonisti joffru is-servizzi tagħhom u jinkludu Inginier, Avukat u Perit.

Apparti dan kollu, il-Kunsill juza numru ta servizz professjonali ohra, bhall-Accountant, Perit, u Avukat.

### 4.2 Attivitajiet Ġenerali u Projezzjonijiet.

L-isforzi tal-Kunsill biex joffru servizz eċċellenti mhumiex limitati biss għall-organizzazzjoni u kwalità' ta' servizzi iżda wkoll għat-twettiq bilanċjat ta` programmi varji kemm kapitali kif ukoll soċjali, għal ġid tal-komunità`.

Din id-direzzjoni wasslet sabiex il-Kunsill, ta` kull sena

- iwettaq programm ta manutenzjoni infrastrutturali. bħal asfaltar u bankini, u dwal tat-toroq
- joffri servizzi ta tindif u tisbieh ġenerali tal-lokalita.
- Jipprovdi għaż-żamma ta postijiet pubbliċi bhall-ġonna, parki, playing fields u latrini pubbliċi.

Il-Kunsill jippjana ukoll għal-twettiq ta proġetti ġodda, sabiex il-lokalita tkompli tiżviluppa. U dan permezz ta fondi mill-allokazzjoni tal-Kunsill, kif ukoll taħt skemi jew fondi oħra

Jikkumplimenta ma dan, Il-Kunsill jorganizza numru ta` attivitajiet soċjali, sabiex joffri spazju ta divertiment , ikabbar l-ekonomija tal-lokal, kif ukoll l-għarfien dwar Birzebbuga.

Għat-tlett snin li ġejjin, il-Kunsill qed ippjana li jkompli fuq l-istess passi, fejn ikompli jgħati importanza kull aspett tal-lokalita`

[IFFIRMAT]

Svetlick Flores
Segretarju Eżekuttiv

# 5.0 Tbassir finanzjarju

## 5.1 Three Year Financial Forecast

| ACCT NO. | DESCRIPTION | FORECAST 2017 Eur | FORECAST 2018 Eur | FORECAST 2019 Eur | FORECAST 2017 - 2019 Eur |
|---|---|---|---|---|---|
| **2** | **Income** | | | | |
| 0000 | Government | 744,235.00 | 753,620.00 | 764,399.30 | **2,262,254.30** |
| 0020 | Bye-Laws | 42,850.00 | 44,585.00 | 46,476.00 | **133,911.00** |
| 0090 | Investment | 150.00 | 165.00 | 181.50 | **496.50** |
| 0100 | General | 1,500.00 | 1,500.00 | 1,500.00 | 4,500.00 |
| | TOTAL | **788,735.00** | **799,870.00** | **812,556.80** | **2,401,161.80** |
| **1** | **Expenditure** | | | | |
| 1000 | Personal Emoluments | 131,731.00 | 135,113.24 | 138,607.65 | 405,451.89 |
| 2000 | Operations and maintenance | 388,212.00 | 391,881.64 | 397,295.89 | 1,177,389.53 |
| 7000 | Capital Expenditure | 88,701.00 | 95,000.00 | 115,000.00 | 298,701.00 |
| | TOTAL | **608,644.00** | **621,994.88** | **650,903.53** | **1,881,542.41** |
| | **SURPLUS/DEFICIT** | **180,091.00** | **177,875.12** | **161,653.27** | **519,619.39** |
| | **BROUGHT FORWARD** | | 180,091.00 | 357,966.12 | 0.00 |
| | **CARRY FORWARD** | 180,091.00 | 357,966.12 | 519,619.39 | 519,619.39 |

## 5.2 Noti u suppozizzjonijiet

Huwa ttamat li fis-snin li gejjin id-dhul minghand il-Gvern jizdied marginalment kull sena,

Huwa stmat zieda li f' dak li jirrigwarda "Pagi u Salarji",

Huwa stmat li fis-snin li gejjin jinzamm l-istess pattern ta' infieq f'dak li jirrigwarda l-Operations and Maintnenance Expenditure

Huwa stmat li l-progetti kapitali jitkomplew fis-sena 2018

## 5.3 Three Year Income Forecast

| ACCT NO. | DESCRIPTION | FORECAST 2017 Eur | FORECAST 2018 Eur | FORECAST 2019 Eur | FORECAST 2017 - 2019 Eur |
|---|---|---|---|---|---|
| **2** | **Income** | | | | |
| 0000 | Government | | | | |
| 0001 | Annual | 708,000.00 | 718,620.00 | 729,399.30 | 2,156,019.30 |
| 0002 | Supplementary | | | | 0.00 |
| 0003 | Special needs | | | | 0.00 |
| 0004 | Public/government delegations | | | | 0.00 |
| 0015 | Other | 36,235.00 | 35,000.00 | 35,000.00 | 106,235.00 |
| | | **744,235.00** | **753,620.00** | **764,399.30** | **2,262,254.30** |
| 0020 | Bye-Laws | | | | |
| 0021 | Community services | 22,000.00 | 22,000.00 | 22,000.00 | 66,000.00 |
| 0040 | Administration Fees | 7,000.00 | 7,350.00 | 7,717.50 | 22,067.50 |
| 0041 | EU Funds | | | | 0.00 |
| 0056 | Sponsorships | 10,000.00 | 11,000.00 | 12,100.00 | 33,100.00 |
| 0066 | General services | 3,850.00 | 4,235.00 | 4,658.50 | 12,743.50 |
| | | **42,850.00** | **44,585.00** | **46,476.00** | **133,911.00** |
| 0090 | Investment | | | | |
| 0091 | Bank interest | 150.00 | 165.00 | 181.50 | 496.50 |
| 0096 | Government securities | | | | 0.00 |
| | | **150.00** | **165.00** | **181.50** | **496.50** |
| 0100 | General | | | | |
| 0110 | Donations | 1,500.00 | 1,500.00 | 1,500.00 | 4,500.00 |
| 0120 | Contributions | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| | | **1,500.00** | **1,500.00** | **1,500.00** | **4,500.00** |
| | **TOTAL** | **788,735.00** | **799,870.00** | **812,556.80** | **2,401,161.80** |

## 5.4 Three Year Expenditure Forecast

| ACCT NO. | DESCRIPTION | FORECAST 2017 Eur | FORECAST 2018 Eur | FORECAST 2019 Eur | FORECAST 2017 - 2019 Eur |
|---|---|---|---|---|---|
| **1** | **Expenditure** | | | | |
| 1000 | Personal Emoluments | | | | |
| 1100 | Mayor's allowance | 11,340.00 | 11,907.00 | 12,502.35 | 35,749.35 |
| 1200 | Employee salaries and wages | 91,708.00 | 94,459.24 | 97,293.02 | 283,460.26 |
| 1300 | Bonuses | 6,893.00 | 6,893.00 | 6,893.00 | 20,679.00 |
| 1400 | Income supplements | 1,212.00 | 1,212.00 | 1,212.00 | 3,636.00 |
| 1500 | Social Security contributions | 8,578.00 | 8,578.00 | 8,578.00 | 25,734.00 |
| 1600 | Allowances | 8,800.00 | 8,800.00 | 8,800.00 | 26,400.00 |
| 1700 | Overtime | 3,200.00 | 3,264.00 | 3,329.28 | 9,793.28 |
| | | **131,731.00** | **135,113.24** | **138,607.65** | **405,451.89** |
| 2000 | Operations and maintenance | | | | |
| 2100 | Utilities | 8,460.00 | 8,544.60 | 8,630.05 | 25,634.65 |
| 2200 | Materials and supplies | 5,256.00 | 5,308.56 | 5,361.65 | 15,926.21 |
| 2300 | Repair and upkeep | 37,459.00 | 37,833.59 | 38,211.93 | 113,504.52 |
| 2400 | Rent | 4,648.00 | 4,648.00 | 4,648.00 | 13,944.00 |
| 2500 | National / International memberships | 500.00 | 500.00 | 500.00 | 1,500.00 |
| 2600 | Office services | 10,500.00 | 10,605.00 | 10,711.05 | 31,816.05 |
| 2700 | Transport | 9,800.00 | 9,800.00 | 9,800.00 | 29,400.00 |
| 2800 | Travel | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 2900 | Information services | 4,900.00 | 4,900.00 | 4,900.00 | 14,700.00 |
| 3000 | Contractual services | 272,489.00 | 275,213.89 | 277,966.03 | 825,668.92 |
| 3100 | Professional services | 8,900.00 | 8,989.00 | 10,786.80 | 28,675.80 |
| 3200 | Training | 400.00 | 400.00 | 400.00 | 1,200.00 |
| 3300 | Community and hospitality | 23,900.00 | 24,139.00 | 24,380.39 | 72,419.39 |
| 3400 | Incidental expenses | 1,000.00 | 1,000.00 | 1,000.00 | 3,000.00 |
| | | **388,212.00** | **391,881.64** | **397,295.89** | **1,177,389.53** |
| 7000 | Capital expenditure | | | | |
| 7001 | Acquisition of property | | | | 0.00 |
| 7100 | Construction | | | | 0.00 |
| 7200 | Improvements | 2,000.00 | 5,000.00 | 100,000.00 | 107,000.00 |
| 7300 | Equipment | 1,100.00 | 5,000.00 | 15,000.00 | 21,100.00 |
| 7500 | Special programmes | 85,601.00 | 85,000.00 | 0.00 | 170,601.00 |
| | | **88,701.00** | **95,000.00** | **115,000.00** | **298,701.00** |
| | **TOTAL** | **608,644.00** | **621,994.88** | **650,903.53** | **1,881,542.41** |

# 6.0 Zvilupp Kapitali

### 6.1 Zvilupp Kapitali

L-Infiq kapitali qed ikun imbassar li jkun minimu fis-snin 2017 u 2018, u dan sakemm il-Kunsill jirkupra finanzjarjament u jibda iħalli bilanċ pożittiv. Sussegwentement, il-pjanijiet huma li jibda l-iżvilupp f'numru ta toroq u bankini, u proġetti oħra, fis-sena 2019.

| ACCT NO. | DESCRIPTION | FORECAST 2017 Eur | FORECAST 2018 Eur | FORECAST 2019 Eur | FORECAST 2017 - 2019 Eur |
|---|---|---|---|---|---|
| **7001** | **Acquisition of property** | | | | **0** |
| **7100** | **Construction** | | | | |
| **7200** | **Improvements** | **2,000.00** | **5,000.00** | **100,000.00** | **107,000** |
| | Steet Furniture | 2,000.00 | 5,000 | | |
| | Trees | | | | |
| **7300** | **Equipment** | **1,100.00** | **5,000.00** | **15,000.00** | **21,100** |
| | Office Furniture | | | | |
| | General Equipment | 500.00 | 5,000 | 15,000 | |
| | Comptuer Equipment& Software | 600.00 | | | |
| **7500** | **Special Programmes** | **85,601.00** | **85,000.00** | | **170,601** |
| | | 88,701.00 | 95,000.00 | 115,000.00 | **298,701** |